# L-ISBAĦ PRIEDKA LI QATT SARET(*)

Meta Erodi Antipa qabad lil San Ġwann il-Għammiedi u żammu magħluq, Ġesù beda ħidmitu bħala Messija. Dil-ħidma bdieha f'Kafar-Naħum, belt fuq xatt il-Baħar ta' Tabarija, bgħid minn Ġerusalem bejn il-ħamsa u tmenin u disgħin mil. Il-Qassisin tal-Lhud kienu jkunu kollha f'Ġerusalem, għal hekk għall-ewwel ma kenux jafu b'Ġesù. Imma f'Kafar-Naħum darba kien hemm raġel imġiddem li lemaħ lil Ġesù għaddej u talbu jisfih. Ġesù messu u sfih u bagħtu Ġerusalem juri ruħu lil Qassisin, kif kienet tamar il-Liġi. Hekk il-Qassisin saru jafu b'Ġesù, u bagħtu lil Kittieba tagħhom lejn il-Galil iduru ma' Ġesù u jgħassu fuqu, u jibgħatu jgħidulhom kull ma jagħmel u jgħid.

Ġesù ntebaħ b'dan, u beda jitħejja għal kull ma jista' jinqala'! Għal hekk għażel tnax fost ix-xirka tiegħu biex igħinuh fix-xogħol, u hekk issa kellu ma' dwaru tliet xorta ta' nies: ftit ħbieb, ftit għedewwa, u għadd kbir ta' semmiegħa. Meta dan, kien wasal il-waqt li jagħti stqarrija fuq x'kien ġie jagħmel fid-dinja, quddiem il-ħbieb, quddiem l-egħdewwa u quddiem il-għammin. Għal hekk għodwa waħda, kif kien hemm ġemgħat kbar ta' nies ma' dwaru, għajjat lit-tnax weħedhom u qalilhom qisu dal-kliem:

"Intom sa tkunu bħal melħ fl-ikel. U bħal ma l-melħ jekk jitħallat bit-trab u jitlef tegħmtu ma jibqa' tajjeb għal xejn aktar, u la għall-ikel anqas għażżibel, imma jirtema barra u jirtifes, hekk ukoll intom, jekk ma tagħmlux li ngħidilkom, ma tkunu tajbin għall-ebda ħaġa. Intom sa tkunu bħal dawl fid-dlam. Ħuġġieġa fuq għolja ma tistax tinħeba, u musbieħ fid-dar jitqiegħed fuq l-imnara, biex jagħti d-dawl lil kulħadd. Hekk jiddi d-dawl tagħkom quddiem in-nies, biex jaraw il-għemil tajjeb tagħkom u jkabbru lil missierkom li hu fis-smewwiet.

"Iftħu widnejkom għal dak li sa tisimgħu, għax is-smiegħ fil-bniedem bħaż-żerriegħa fir-raba, li tinbet u tikber weħedha, bla ma jkunu jafu n-nies. Ma għażiltkomx għal xejn. Min jingħażel, jingħażel għal xi xogħol li jkollu jagħmel. Imxu warajja."

Ġesù niżel ftit 'l isfel u qagħad fuq biċċa blata u t-tnax li kien għażel qagħdu ma' dwaru. In-nies qagħdu wkoll fl-art fuq il-ħaxix u Ġesù fetaħ fommu u beda jgħallimhom hekk:

"Imberkin intom l-imsejknin, għax tagħkom Melkut is-sema. Imberkin intom il-ġugħanin issa, għax tkunu xebgħanin. Imberkin intom li tibku, għax għad tkunu ferħanin. Imberkin intom li n-nies jobgħodukom u jmaqdrukom u jgħajjrukom. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom ikun kbir fis-sema. Hekk kienu maħqura n-nies it-tajba li gew qabilkom.

"Imma ħażin għalikom intom il-għonja, għax għandkom il-hena tagħkom. Ħażin għalikom li issa xebgħanin, għax

---

(*) Kif dejjem inħaseb mill-għorrief, il-kliem li jinsab f'din il-Priedka, Sidna Ġesù Kristu ma qalux kollu f'darba waħda; San Mattew ġabar f'dil-Priedka kliem li Ġesù qal drabi oħra, qabel jew wara. Dan jidher ukoll ċar ħafna għax Ġesù ma satax ikun li lill-istess nies jgħidilhom: "Intom id-dawl tad-dinja u l-melħ tal-art (Matt. V, 13-16)" u wara ftit, fl-istess taħdita jgħidilhom: "Intom ipokriti u ħżiena" (Matt. VII, 1-11). Kif kiteb il-Professur Patri Joseph-Marie Lagrange, O.P., wieħed mill aqwa awtorità tal-Bibbja fi żmienna, il-versi li għandhom jitħallew barra huma dawn: K. V (dejjem San Mattew) vv. 13, 16, 18, 25-26; VI: 7 sa 15, u 19 sa 34; VII: 7 sa 11, u 22-23.

F'dan il-"Qari" dil-Priedka miktuba, qisha, "free"; min irid jaqraha kif inhi fl-Evanġelju sewwa jsibha fit-tliet Kapitli V, VI, u VII, ta' San Mattew.



....erfgħu ġidkom fis-Sema....

għad tiġġewwgħu. Ħażin għalikom li issa tidħku, għax sa tibku u tnewwħu. Ħażin għalikom li n-nies ifaħħrukom u jgħollukom, għax l-egħdieb tagħkom ikun kbir fil-ġeħenna. Hekk kienu mfaħħra l-ħżiena li ġew qabilkom.

"La taħsbu li ġejn inbattal il-Liġi u l-Profeti. Ma ġejtx inbattal, imma ġejt nimla. Amen, ngħidilkom: sa kemm igħaddu s-sema u l-art ma titbattalx kelma waħda mil-Liġi, imma kollox iseħħ. Għal hekk, min ibattal wieħed minn dawn l-omra l-ewlenin, imqar jekk igħallem lill-oħrajn, ikun magħdud b'nieqes fil-Melkut tas-sema. Imma dak li jgħallem u jagħmel, dan ikun magħdud bi sħiħ fil-Melkut tas-sema.

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: 'La toqtol', għax min joqtol ikun ħaqqu l-qada. Imma jien ngħidilkom li min jagħdab għal ħuħ ikun ħaqqu l-qada; u min jgħajjar lil ħuh ikun ħaqqu l-qorti; u min jidħak b'ħuh ikun ħaqqu nar il-ġehenna. Għal hekk meta tersaq titlob 'l Alla, ara għamiltx ħsara lil xi ħadd, u mur l-ewwel sewwiha. Imbagħad ersaq quddiem Alla u semmgħu talbek.

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: 'La tiżni'. Imma jien ngħidilkom la tħarsux lejn mara. Għax min iħares lejn mara u jixtieqha, f'qalbu jkun żena magħha. Għal hekk jekk għajnejk jgħażżbuk, aqla' ħarstek u begħedha

minn hemmhekk. Jaqbillek tgħakkes sehem minn ġismek, inkella gismek kollu jintafa' f'nar il-ġehenna.

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: 'La tisraq'. Imma jien ngħidilkom ħallsu malajr lil min isielkom. Li jewwilla min isielek ma jagħtikx f'idejn l-imħallef, u l-imħallef f'idejn il-qaddej; u l-qaddej jixħtek fil-ħabs, u ma toħroġx minn hemm sa ma tħallas sal-anqas ħabba.

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: 'La tigdeb'. Imma jien ngħidilkom għidu iwa meta jkun iwa u le meta jkun le, għax dak li hu aktar minn hekk ikun ġej mill-ħażen. U la taħalfu b'xejn, u la bis-sema, għax is-sema ma hux tagħkom, imma l-maqgħad t'Alla; u la bl-art, għax l-art il-mirfes ta' riġlejh; anqas b'raskom, għax anqas raskom ma hi tagħkom, la darba ma tistgħux tbiddlu xagħra minnha, bajda jew sewda.

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna'. Imma jien ngħidilkom: la teqfulux il-ħażin. Min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek, dawwar wiċċek in-naħa l-oħra. U min jeħodlok il-libsa, agħtih ukoll il-qmis.

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: 'Għożż lil qarib u obgħod lill-għarib'. Imma jien ngħidilkom: għożżu wkoll l-egħdewwa tagħkom. Agħmlu l-ġid saħansitra lil min jobgħodkom. U sellmu wkoll lil dawk li jridulkom id-deni. Biex tkunu temmija, bħal missierkom li hu fis-sema. Li jtalla' x-xemx għattajbin u għal ħżiena, u jixti x-xita għas-sedqin u għal ħatjin. Għax jekk tgħożżu biss lil min jgħożżkom, x'fejda jkun fikom? Ma jagħmlux hekk il-għaxxarin? U jekk issellmu lil ħbiebkom biss x'fejda jkun fikom? Ma jagħmlux hekk ukoll il-kaffarin? Kunu mela, temmin, bħal missierkom li hu fis-sema.

"Qisu li ma tagħmlux il-ġid għal għajn in-nies, biex jarawkom. Għax inkella ma titħallsux tiegħu minn missierkom li hu fis-sema. Għal hekk meta tgħinu lil foqra, la xxerdux l-aħbar ta' x'għamiltu, bħal ma jagħmlu l-faħħarin, biex in-nies ikabbruhom. Amen ngħidilkom, il-ħlas tagħhom ħaduh b'idejhom. Imma inti, meta tgħin lil foqra, tħallix li min ikun fuq ix-xellug tiegħek ikun jaf x'għamilt fuq il-lemin tiegħek. Biex il-ħajr tiegħek ikun moħbi, u missierek li jara l-moħbi, iroddlok.

"U meta ssellu, tagħmlux bħal faħħarin, li jħobbu jieqfu jsellu f'nofs il-knejjes u fit-toroq, biex jarawhom in-nies. Inti, meta sselli, idħol f'darek u agħlaq biebek, u selli lill-Alla fil-mistur. U Alla, li jara l-mistur, jafhulek. U meta ssellu, la tgħidux ħafna kliem, għax missierkom jaf x'tiħtieġu qabel ma titolbuhomlu.

"U meta ssumu, turux ruħkom imnikktin, bħal ma jagħmlu l-faħħarin, li jqarrsu wiċċhom biex in-nies jagħrfu li huma sajmin. Amen, ngħidikom: dawn ħaduh b'idejhom ħlashom. Inti meta ssum, aħsel wiċċek u omxot xagħrek, biex in-nies jarawk ferħan u ma jkunux jafu li int sajjem. Ikun jaf missierek li hu fis-smewwiet, u missierek li hu fis-smewwiet iroddlok.

"La ġġemmgħux miel fid-dinja fejn is-sadid u s-susa jieklu u s-serraqin jiftħu u jisirqu. Imma ġemmgħu mwielkom fis-sema, fejn la s-sadid u s-susa ma jieklu anqas is-serraqin ma jiftħu u jisirqu. Għax fejn hemm mielek, hemm ukoll tkun qalbek.

"Ħadd ma jista' jaħdem ma' żewġ imgħallmin, għax biex jaqdi lil wieħed, irid jitlaq lill-ieħor. U biex joqgħod ma' dan, irid iħalli lil dak. Hekk ukoll intom, ma tistgħux taqdu 'l Alla u lil mammuna.

"Mela, la tħabblux moħħkom għal żaqqkom, x'sa tieklu; anqas għal ġisim-

kom, x'sa tilbsu, għax il-ħajja aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mil-lbies. Araw it-tajr ta' l-ajru: la jiżra, la jaħsad, u la jaħżen fl-imħażen. U missierkom li hu fis-sema jgħajjixhom. Intom m'intomx wisq aħjar mit-tajr? U min fostkom, billi jaħseb, jista' jżid xifer f'tulu?

"Araw nwar ir-raba kif jikber. U la jħit, u la jinseġ anqas jagħżel. Imma jien ngħidilkom li Salamun, b'sebħu kollu, qatt ma kien liebes sabiħ bħa' dawna. Mela, jekk nebbiet ir-raba li l-lum hu u għada jinxef, Alla jlibbsu hekka, kemm aktar ilibbes lilkom, ja nies ta' fejda żgħira?

"Għal hekk, la tħabblux moħħkom, x'sa tieklu,, anqas għal ġisimkom, x'sa tilbsu, għax missierkom li hu fis-sema jaf li dawn il-ħwejjeġ teħtieġuhom. Fittxu l-ewwel ħaqq Alla u sedqienu, u dan kollu jingħatalkom b'żieda. La tħabblux mela moħħkom għalli ġej, għax li ġej jaħseb għalih in-nifsu. Biżżejjed għal kull żmien il-ħsieb tiegħu.

"La tagħmlux ħaqq mill-oħrajn, biex ma jingħamilx ħaqq minnkom. Għax bil-qada li tqadu lill-oħrajn, tinqadu intom, u bil-qjies li tqisu lill-oħrajn, tinqiesu intom. U kif sifja f'għajn ħuk taraha, u għamad fuq għjanejk ma tintebaħx bih? Jew kif tgħid lil ħuk ħa' naqlagħlek minn għajnek is-sifja, waqt li fuq għajnejk għandek għamad? L-ewwel neħħi l-għamad minn fuq għajnejk inti, imbagħad tara tneħħi s-sifja minn għajn ħuk. Hekk, dak li tridu li ħadd ieħor jagħmel lilkom, agħmlu intom lil ħadd ieħor, għax din hija l-Liġi u l-Profeti.

"Itolbu biex taqilgħu; fittxu biex issibu; ħabbtu biex jiftħulkom. Għax trid titlob biex taqla'; u trid tfittex biex issib; u trid tħabbat biex jiftħulek.

"Liema wieħed fostkom li jkollu iben, li meta jitolbu ħbejża jagħtih ħaġra? Jew jekk jitolbu ħuta jagħtih serp? Mela, jekk intom, għad li intom ta' l-art, tagħtu lill-uliedkom għotjiet tajba, kemm aktar missierkom, li hu tas-sema, jagħtikom l-għotjiet tajba li titolbuhomlu?

"Iftħu għajnejkom mill-profeti qarrieqa, li jiġukom lebsin il-ġild tal-ħrief, imma qalbhom hija qalb tal-djieb. Minn egħmilhom tagħrfuhom: jewwilla x-xewk jagħmel il-għeneb, jew il-għollieq jagħmel it-tin? Siġra tajba tagħmel frott tajjeb u sigra ħażina tagħmel frott ħażin. Mela, minn egħmilhom tagħrfuhom.

"M'hux min jgħidli Mulejja, Mulejja, jidħol f'melkut is-sema, imma min jagħmel raj missieri li hu fis-sema, dak jidħol f'melkut is-sema. Wisq nies igħiduli f'jum il-qada: Mulejja, Mulejja, m'hux b'ismek ħabbarna, u b'ismek sħetna d-deni, u b'ismek għamilna l-egħġubijiet? Imma nistqarr u ngħidilham: Jien lilkom qatt ma kont nafkom. Warrbu minni, ja għammelin id-dnewwa!

"Għal hekk, min jisma' dan kliemi u jħarsu, ikun jixbaħ lil raġel għaqli li bena daru fuq il-blat. U nefħu r-rjieħ ... u niżlet ix-xita... U ġrew il-widjien. U ħabtu fuq dik id-dar, imma baqgħet wieqfa, għax kienet mibnija fuq il-blat. Imma min jisma' kliemi u ma jħarsux, jixbaħ lil raġel iblaħ li bena daru fuq it-trab. U nefħu r-rjieħ... U niżlet ix-xita... u ġrew il-widjien. U ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarfet. U kbira kienet il-ħerba tagħha!"

Din it-taħdita hija l-qalb u r-ruħ ta' l-Evanġelju. Hija l-"Magna Charta" ta' Ġesù, mibgħuta lil bnedmin minn Alla u mogħtija lilhom mill-Iben Tiegħu. It-tagħlim li fiha għandu għeruqu fin-natura tal-bniedem, m'hux bħala demm u laħam, imma bħala ħaj li jirraġuna. *Joħanan.*